# MALTA

**ATT Nru. XX ta' l-1995**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Massa Frumentarja, Kap. 14.**

**ACT No. XX of 1995**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Massa Frumentaria Ordinance, Cap. 14.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

20 ta' Ġunju, 1995

**ATT Nru. XX ta' l-1995**

*ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Massa Frumentarja, Kap. 14.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Massa Frumentarja, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Massa Frumentarja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 14.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu li ġej: Żieda ta' l-artikolu 16 ġdid mal-liġi prinċipali.

"Fidwa ta' kapital. 16. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' din l-Ordinanza, mill-aħħar tas-sena 1995, l-imgħax li jingħata skond din l-Ordinanza ma għandux jibqa' jitħallas lid-detenturi ta' ċedoli, ċertifikati jew memoranda kif hemm provdut f'din l-Ordinanza, u minflok għandu jitħallas hekk kif jingħata v lura ċ-ċedoli, ċertifikati jew memoranda, flimkien ma' l-imgħax li għandu jingħata fuqhom sas-sena 1995, somma kapitali ekwivalenti għal għoxrin darba daqs is-somma li titħallas ta' kull sena bħala imgħax.

(2) Mill-aħħar ta' Diċembru, 1995, ebda imgħax ma għandu jibqa' jiżdied fuq kull kapital rappreżentat bl-imsemmija ċedoli, ċertifikati jew memoranda.

(3) Il-jedd ta' għoti lura ta' l-imsemmija ċedoli, ċertifikati u memoranda għandu jibqa' jitwettaq sa tmiem ix-xahar ta' Diċembru, 1997 u wara dik id-data jiskadi l-jedd li dawk id-dokumenti jingħataw lura u li jiġi riċevut il-kapital rappreżentat minnhom u l-imgħax li jkollu jitħallas dovut sa l-aħħar tas-sena 1995 kif hemm provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 431 tat-13 ta' Ġunju, 1995.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

20th June, 1995

**ACT No. XX of 1995**

*AN ACT to amend the Massa Frumentaria Ordinance, Cap. 14.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Massa Frumentaria (Amendment) Act, 1995, and shall be read and construed as one with the Massa Frumentaria Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law". **Short title. Kap. 14.**

**2.** Immediately after section 15 of the principal law, there shall be added the following section: **Addition of new section 16 to the principal law.**

"**Redemption of stock.** 16. (1) Notwithstanding any other provision of this Ordinance, as from the end of the year 1995, interest in terms of this Ordinance shall no longer be payable to the holders of cedole, certificates or memoranda as provided for in this Ordinance, and there shall be payable instead upon the surrender of the cedole, certificates or memoranda, together with the interest due thereon up to the year 1995, a capital sum equivalent to twenty times the annual sum payable as interests.

(2) As from the end of December, 1995, no interest shall continue to accrue on the capitals represented by the said cedole, certificates or memoranda.

(3) The right to surrender the said cedole, certificates and memoranda shall be exercisable up to the end of the month of December, 1997 and thereafter the right to surrender the same and receive the capital represented thereby and the interest payable due up to the end of the year 1995 as provided in subsection (1) of this sectio shall lapse.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 431 of the 13th June, 1995.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c — *Price 4c*